# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 2279

**Kaz Nru. 2682/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Christopher Cachia**

**u**

**Melita p.l.c.**

**(dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta).**

## Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK).

**Permezz ta' Decizjoni Preliminari Nru 2227 datata 23 ta' Mejju, 2013, it-Tribunal Industrijali kien iddecieda sabiex jisma wkoll it-tieni parti ta' l-Istqarrija tal-Kaz tas-Socjeta fejn tghid " illi jekk ghal-grazzja tal-argument ic-cirkostanzi jigu meqjusin bhala tkeccija, kien hemm ragunijiet sufficjenti biex jagixxu kif agixxew".**

**Ghan-naha tas-Socjeta, permezz ta' l-Avukat Andrew Borg-Cardona issottomettew fit-30 ta' Mejju, 2003 u spjega wkoll fis-seduta tat-Tribunal Industrijali li saret fl'1 ta' Ottubru 2013, li kienu qed jirtiraw it-talba taghhom dik li fl'eventwalita li l-kaz jigi deciz li kien ta' tkeccija u mhux ta' rizenja, tigi ttratta t-tieni parti ta' l-istqarrija tal-Kaz taghhom, dawk li kien hemm ragunijiet sufficjenti biex jagixxu kif agixxew. Ir-ragunijiet li tghat is-socjeta li kienet qed tirtira din il-parti ta' l-Istqarrija tal-Kaz taghha kienu, ghaliex ix-xhieda ma ghadhomx fl'impieg taghha u jinsabu barra fejn difficli li jigu kkuntattjati. Ghaldaqstant, huma talbu lit-Tribunal Industrijali, biex jiddeciedi fuq l-ezitu tal-Kaz jekk kienx ta' rizenja jew ta' rizenja sfurzata.**

**Ghan-naha tar-rikorrenti wiegeb l-Avukat Adrain Delia fis-6ta' Gunju 2013, fejn huwa oggezzjona ghal dak li qalet is-Socjeta, li kienet qed tirtira it-tieni parti ta' l-istqarrija tal-Kaz taghha u talab lit-Tribunal Industrijali sabiex jichad it-talba tas-Socjeta intimata' u sussegwentement dan it-Tribunal Industrijali jordna li dawn il-proceduri jitkomplew mill-aktar fis.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-Kaz u jibda biex jikkunsidra ir-raguni li talab sabiex is-Socjeta tghid dak li stqarret fl'istqarrija tal-Kaz taghha, dak li kien hemm ragunijiet sufficcjenti biex tagixxi kif agixxew. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li is-Socjeta wiegbet li ma kienitx f'pozzizzjoni li tghamel dan u ir-raguni kienet li ma kellix provi xi tressaq ghar-ragunijiet li diga gew imsemmija.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra din l-istqarrija tas-Socjeta bhala li naqset li tissostanzja ir-ragunijet li kienet semmiet.**

**It-Tribunal Industrijali f'dawn il-kunsiderazzjonijiet jikkunsidra wkoll ix-xhieda tar-rikorrenti fejn jghid, li hu issttometta ir-rizenja ghar-raguni li kellu theddida li jekk ma jghamilx dan kien se jigi imkecci u f'socjeta zghira bhal taghna fejn kulhadd jaf lil xulxien, kien isibha difficli li jsib impieg iehor.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijjet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet isib u jasal ghal konkluzzjoni li kien hemm pressjoni bla bzonn biex ir-rikorrenti jirrezenja mill-impieg u ghaldaqstant dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li ir-rizenja kienet ta' natura sfurzata. Ghaldaqstant dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li ir-rikorrenti ghandhu jinghata kumpenss ta' €3,000(tlett t'elef euro)**
**liema kumpenss ghandu jithallas mis-Socjeta fi zmien hmistax il-guranta mid-data ta' din id-Decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx pssibbli li dan il-Kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**

**Data : 25 ta' Marzu, 2014**